6 ta' Jannar 2026

L-Onor. Dr Robert Abela
Prim Ministru

Bl-email fuq robert.abela@gov.mt

Onorevoli Prim Ministru,

**Dikjarazzjonijiet tal-assi tal-ministri għas-sena 2024**

Fit-2 ta' Jannar tas-sena li għaddiet, ktibtlek biex nesprimi t-tħassib tiegħi dwar il-fatt li d-dikjarazzjonijiet tal-assi tiegħek u tal-ministri l-oħrajn għas-sena 2023 ma ġewx imqiegħda fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati, kif kienet il-prattika għal snin twal.

Fir-risposta tiegħek datata 27 ta' Jannar 2025, inti pproponejt li l-ministri u d-deputati parlamentari m'għandhomx jibqgħu jagħmlu dikjarazzjonijiet separati tal-assi tagħhom. Inti pproponejt li għandu jkun hemm sistema ġdida fejn:

- issir dikjarazzjoni waħda biss minn kull deputat parlamentari, sew jekk ikun ministru u sew jekk ma jkunx; u
- din id-dikjarazzjoni titpoġġa fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati (jiġifieri effettivament tiġi ppubblikata) fi żmien li għandu jiġi stabbilit bil-liġi.

Inti tlabt il-fehmiet tiegħi dwar dawn il-proposti.

Fit-30 ta' Jannar 2025 jiena ktibtlek bir-reazzjonijiet tiegħi. Jiena esprimejt il-fehma li l-introduzzjoni ta' dikjarazzjoni komuni għall-ministri u d-deputati m'għandhiex twassal għal tnaqqis fl-informazzjoni li l-ministri huma obbligati jinkludu fid-dikjarazzjoni tagħhom. Din l-ittra ġiet ippubblikata mill-uffiċċju tiegħi.[1]

Fl-istess ittra, jiena ħeġġiġtek tqiegħed id-dikjarazzjonijiet tal-ministri għas-sena 2023 fuq il-mejda tal-Kamra mingħajr dewmien. Dan ma sarx, iżda f'Marzu 2025 is-Segretarju tal-Kabinett ipprovdieli kopji tad-dikjarazzjonijiet in

[1] Ara https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/letter-to-pm-2025-01-30-mt.pdf.

kwistjoni sabiex inkun nista' nibda nivverifikahom skont kif jitlob l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

F'Settembru u f'Ottubru tal-2025, ktibt lis-Segretarju tal-Kabinett biex nakkwista kopji tad-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-ministri għas-sena 2024. Ma rċevejt ebda risposta, u għalhekk fit-3 ta' Diċembru jiena għamilt l-istess talba direttament lilek. B'riżultat ta' dan, is-Segretarju tal-Kabinett kitibli fit-18 ta' Diċembru 2025 u informani li:

- il-Kabinett iddeċieda li għandu jkun hemm formola waħda li tgħodd għall-membri parlamentari kollha;
- il-ministri u s-segretarji parlamentari kollha ddikjaraw l-assi tagħhom lill-Ispeaker aktar kmieni dik is-sena; u
- se jiġi emendat il-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati sabiex jissaħħaħ fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-uffiċċju tiegħi f'Lulju 2020[2] u fil-15 ta' Diċembru 2025 dwar l-ilment 201.

Nifhem mill-ittra tas-Segretarju tal-Kabinett li inti u l-ministri l-oħrajn m'għamiltux id-dikjarazzjoni tal-assi tagħkom għas-sena 2024, u għamiltu biss id-dikjarazzjoni li ssir minn kull deputat parlamentari. Nifhem ukoll li din biss se tibqa' ssir fil-futur, u d-dikjarazzjoni tal-assi tal-ministri ġiet eliminata.

Dan effettivament ifisser li l-ministri mhux se jibqgħu jiddikjaraw id-dħul tagħhom, u lanqas investimenti finanzjarji u kontijiet bankarji miżmumin mill-konjuġi tagħhom. Din l-informazzjoni kienet tintalab fil-formola tal-ministri iżda mhux f'dik tad-deputati. B'hekk it-trasparenza fit-tmexxija pubblika ħadet daqqa lura. Dan jibgħat messaġġ negattiv ferm.

It-trasparenza ħadet daqqa lura anki għaliex id-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-ministri kienu jitqiegħdu fuq il-mejda tal-Kamra, mentri d-dikjarazzjonijiet tad-deputati ma jiġux ippubblikati. Nosserva li fl-ittra tiegħu, is-Segretarju tal-Kabinett m'għamel l-ebda referenza għall-proposta tiegħek li d-dikjarazzjonijiet ta' kull deputat jibdew jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kamra fi żmien li għandu jiġi stipulat mil-liġi.

Barra minn hekk, il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, jistipula bl-aktar mod ċar li kull ministru għandu jagħti rendikont tal-assi u l-interessi tiegħu lis-Segretarju tal-Kabinett fuq il-formola relattiva kull sena. L-eliminazzjoni ta' din il-formola tfisser li kull ministru qed jonqos mill-obbligi tiegħu skont il-kodiċi,

[2] Ara https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/report-revised-codes-of-ethics.pdf.

anki jekk ma tistax tittieħed azzjoni dwar dan peress li deċiżjonijiet tal-Kabinett mhumiex sindakabbli taħt l-Att.

Ħadt nota wkoll tad-dikjarazzjoni tas-Segretarju tal-Kabinett li se jissaħħaħ il-kodiċi ta' etika tad-deputati. F'dan il-kuntest niġbidlek l-attenzjoni mhux biss għar-rapport ta' dan l-Uffiċċju ta' Lulju 2020, iżda għar-rapport tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) ta' Ottubru 2023.[3] Iż-żewġ rapporti jagħmlu rakkomandazzjonijiet għat-tisħiħ anki tal-kodiċi ministerjali, iżda dan il-kodiċi ma jissemmiex fl-ittra tas-Segretarju tal-Kabinett. Huwa partikolarment importanti li l-ministri jkollhom qafas etiku b'saħħtu minħabba s-setgħat tagħhom u r-riżorsi li jikkontrollaw.

Ir-rapporti ta' dan l-Uffiċċju u tal-OECD jinkludu wkoll rakkomandazzjonijiet għat-tisħiħ tad-dikjarazzjonijiet tal-assi. Ktibtlek fit-3 ta' Novembru 2023 biex niġbed l-attenzjoni tiegħek għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Dawn għandhom ikunu parti minn kwalunkwe tibdil fil-qafas tal-etika tad-deputati u l-ministri, minkejja li t-tibdil fis-sistema tad-dikjarazzjonijiet li għarrafni bih is-Segretarju tal-Kabinett kien f'direzzjoni opposta.

Għandi ninformak li, tenut kont ta' dan kollu, biħsiebni nippubblika din l-ittra fil-futur qarib.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

3 Ara https://www.oecd.org/en/publications/public-integrity-in-malta_0ecc469e-en.html.